

**Dispożittiv**

It-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku għandha tiġi interpretata fis-sens li Stat Membru li jimplimenta l-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, li japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa għall-birra magħmula minn birreriji żgħar indipendenti ma huwiex madankollu obligat li jittratta bħala birrerija żgħira waħda indipendenti żewġ birreriji żgħar jew iktar li jikkooperaw u li l-produzzjoni annwali konġunta tagħhom ma taqbiżx il-200 000 ettolitru.

(<sup>1</sup>) ĠU C 262, 10.8.2020

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesfinanzhof – il-Ġermanja) – Finanzamt B vs X-Beteiligungsgesellschaft mbH**

(Kawża C-324/20) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/112/KE – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Provvista ta' servizzi – Artikolu 63 – Eżiġibbiltà tal-VAT – Artikolu 64(1) – Kunċett ta' "provvista li tagħti lok għal ħlasijiet suċċessivi" – Provvista ta' darba mħallsa bin-nifs – Artikolu 90(1) – Tnaqqis tal-valur taxxabbli – Kunċett ta' "nuqqas ta' ħlas tal-prezz")*

(2022/C 2/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Finanzamt B

Konvenut: X-Beteiligungsgesellschaft mbH

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 64(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li provvista ta' servizzi ta' darba li hija s-suġġett ta' remunerazzjoni bi ħlas bin-nifs ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.
- 2) L-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jkun hemm ftehim ta' ħlas bin-nifs, l-assenza ta' ħlas ta' parti mir-remunerazzjoni qabel ma din issir eżiġibbli ma tistax tiġi kklassifikata bħala nuqqas ta' ħlas tal-prezz, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u ma tistax, minħabba dan il-fatt, tagħti lok għal tnaqqis tal-valur taxxabbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 313, 21.09.2020.